MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 14

25 ta' Ġunju 2025

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Nicole Portelli - Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Paul Ciantar – Kunsillier
Ralph Cassar– Kunsillier
Martin Musumeci– Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.41pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti fuq il-post kien preżenti fil-ħin bl-eċċezjoni ta' Dr. Martin Musumeci li wasal ftit tard 5.43pm.

## 14.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

14.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kellhiex ittri ta' apoloġiji.

## 14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

14.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa Nru. 13 ġew approvati. Wasal Dr. Martin Musumeci 5.43pm.

## 14.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

14.3.1 *Iffjurit bil-Ward Imfewwaħ*

Is-Sur Cordina qal li kienet idea tajba li din l-attività saret fil-Pjazza. Kien hemm diversi wirjiet u t-tqassim tal-i*stands* kien ekwu.

*Uffiċċini Ġodda*

Qal li rigward l-uffiċċini kif forsi jaf kulħadd imxew parti fi Ġnien l-Istazzjon bħalha front office filwaqt il-back office jinsab fi Ġnien Ħal-Warda. Qal li issa jinsabu iktar komdi wara li bl-għajnuna ta' Dr. Caruana l-permess għall-emendi ħareġ u jonqos biss il-*compliance certificate* li jrid isir min-naħa tal-Perit.

## 14.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

14.4.1 Alex Mangion

- Saqsa min fejn qed jinqdew in-nies? Is-Sur Cordina qal li qed jinqdew minn Ġnien l-istazzjon peress li kellhom joħorġu mill-post fejn kienu malajr.
- Saqsa kif baqgħu fuq il-knis. Is-Sur Cordina qal li l-iskeda tal-knis baqgħet l-istess.
- Saqsa fuq ix-xogħolijiet ta' Triq il-Linja. Is-Sur Cordina qal li dawn huma relatati mal-infrastruttura tat-tisħieħ tad-dawl.

14.4.2 John Bonnici

- Saqsa fuq il-boroż tal-ikel. Is-Sur Cordina qal li kienu rċevew kunsinna li sfortunatament spiċċat u s'issa ma kellhomx data meta se jaslu.

14.4.3 Dr. Ralph Cassar

- Saqsa jekk hemmx żvilupp fuq il-proġett ta' Triq Santa Katerina u l-konok il-ġodda. Is-Segretarju qalet li ddaħħlu l-formoli tal-OHSA u r-*responsibility forms* fuq il-pjattaforma ta' TM. Dan il-proġett se jibda fil-ġranet li ġejjin minħabba li s-Segretarjat għax-Xogolijiet Pubbliċi jixtiequ jlestu mill-aktar fis.

14.4.4 Remigio Bartolo

- Ilmenta fuq il-fatt li waqt l-attività tal-iffjurit ingħata *coverage* lil attività mill-media imma l-Kunsill ma kienx preżenti. Hu qal li għall-pubbliċità li saret dwar l-attività għalkemm dan ingħata l-flus bis-saħħa tal-Kunsill kemm fuq NET TV u TVM, il-Kunsill ma ssemma xejn. Hu qal li kull m'għamel tkellem fuq x'se jsir imma l-Kunsill ma ssemma xejn. Qal li għal dawn il-publiċitajiet għandu jkun hemm membru tal-Kunsill preżenti. Is-Sur Cordina qal li veru forsi bi żvista imma lil fuq TVAM kien hemm slot ta' 30 minuta u wara li ġie ntervistat hu, kien hemm kwarta intervista mas-Segretarju Eżekuttiv. Din kienet ta' malajr mill-lum għall-għada filgħodu u kienet tajba.
  Dr. Caruana qalet li *going forward* għandu jkun hemm xi ħadd mill-Kunsill.
  Dr. Musumeci qal li però għall-*konferenza stampa* mal-Onorevoli Civelli huma kienu preżenti u ingħata *coverage* tajjeb.

14.4.5 Is-Sur Paul Ciantar

- Saqsa fuq ix-xogħolijiet ta' Ġnien il-Palma. Is-Sur Cordina qal li mexjin u forsi sal-aħħar ta' Lulju jitlesta.

## 14.5 Rapporti

### 14.5.1 *Approvazzjoni ta' Estimi Finanzjarji Awditjati*

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li wara li tlesta l-awditjar jirriżulta li ma kienx hemm tibdil kbir fl-estimi finanzjarji ħlief xi riklassifikazzjonijiet kif jidher hawn taħt:

Page 1

Reclass Journal Entries
Attard LC
December 31, 2024

| RJE No. | Account Description | W/P Ref | Account Number | Lead | Sublead | Debits | Credits | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Debtors control account | I5 | 0201 | I1B/1 | I6 | 48,854.04 | | |
| 1 | Payables | | 4000 | H1B/1 | H7 | | 48,854.04 | Reclass only |
| To reclass credit balance in debtor's listing for FS purposes | | | | | | | | |
| 2 | Other creditors | H9 | 4020 | H1B/1 | H9 | 14,171.73 | | |
| 2 | Accruals | | 4100 | H1B/1 | H8 | | 14,171.73 | Reclass only |
| To reclass accruals to correct account | | | | | | | | |
| 3 | Payables | | 4000 | H1B/1 | H7 | 108,862.74 | | |
| 3 | Payables - Noncurrent | | GT01 | H1B/5 | | | 108,862.74 | Reclass only |
| To reclass non current portion of payable of Tabone on settlement basis plan | | | | | | | | |
| 4 | Payables | | 4000 | H1B/1 | H7 | 13,925.00 | | |
| 4 | Payables - Noncurrent | | GT01 | H1B/5 | | | 13,925.00 | Reclass only |
| To reclass non current portion of payable of Michael Attard on settlement basis plan | | | | | | | | |
| | | | | | | 185,813.51 | 185,813.51 | |

Page 1

Adjusting Journal Entries
Attard LC
December 31, 2024

| AJE No. | Account Description | W/P Ref | Account Number | Lead | Sublead | Debits | Credits | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Accruals | | 4100 | H1B/1 | H8 | 2,163.00 | | |
| 1 | Management and operating services | | 3120 | L1 | L1.14 | | 2,163.00 | Council Adj Entry |
| Client adustment - Being, credit against invoice ALC 020 project management fees for Gnien L-istazzjon Oct to Dec | | | | | | | | |
| 2 | Other debtors | | 0205 | I1B/1 | I6/2 | 3,499.00 | | |
| 2 | Local wardens services expenses | | 3630 | L3 | L3.26 | | 3,499.00 | Council Adj Entry |
| Client adjustment - Being, a refund on the LESA officers scheme managed by Regjun (Cirk AKL/2023-045) | | | | | | | | |
| 3 | Other debtors | | 0205 | I1B/1 | I6/2 | 2,747.00 | | |
| 3 | Cultural Events | | 3381 | L1 | L1.17 | | 2,747.00 | Council Adj Entry |
| Client adjustment - Being, 70% of grant (SPI/SCI/5/2024) re scheme for Xmas Tree Mixghela event | | | | | | | | |
| 4 | Cultural Events | | 3381 | L1 | L1.17 | 2,160.00 | | |
| 4 | Accruals | | 4100 | H1B/1 | H8 | | 2,160.00 | Council Adj Entry |
| Client adjustment - Being, additional accrual re 2024 Xmas lighting invoice received in 2025 | | | | | | | | |
| 5 | Employees' Salaries & Wages | Q4 | 1200 | L2 | L2.4 | 4,598.82 | | |
| 5 | Contributions - refund of expenses | | 0113 | I1A | I5/1 | | 4,598.82 | MLP 5.1 |
| Being adjustment for government refund for employee overtime pay | | | | | | | | |
| 6 | Prepayments & Accrued income | E3 | 0250 | I1B/1 | I8 | 5,000.00 | | |
| 6 | Right-of-Use Asset: New Offices | | 7001 | E1 | E1/19 | | 5,000.00 | MLP 6.1 |
| Being reclassification of rental payments to new office space | | | | | | | | |
| | Totals | | | | | 20,167.82 | 20,167.82 | |

Qalet li kien hemm tnaqqis fid-deficit ta' € 6248 minħabba li kien hemm dħul minn skema li daħal tard imma li kellu jidħol fl-estimi tal-2024 u pagament doppju li kellu jitnaqqas mill-ispejjeż u xi aġġustamenti żgħar oħra kif jidher fuq.

Dr. Cassar saqsa għala l-*audited accounts* huma daqshekk tard fis-sena. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li peress li hemm kumpanija waħda tagħmel l-*audits* tal-kunsilli ġew aġġustati d-dati sa meta jridu jkunu lesti flimkien ma' regolamenti oħra. Saqsa wkoll jekk mal-preżentazzjoni tal-estimi finanzjarji awditjati hemmx marbuta xi laqgħa pubblika. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dik marbuta mal-baġit biss.

L-estimi finanzjarji awditjati ġew approvati u ffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u mis-Sindku, flimkien mall-ittra ta' rappreżentazzjoni.

14.5.2 *Approvazzjoni ta' Baġit Rivedut 2025*

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan il-baġit qed jiġi rivedut kull tliet xhur biex jirrifletti l-infieq ta' dak il-kwart tas-sena li jkun għadu kif għadda. Hi qalet li dan il-baġit qed juri tnaqqis fid-deficit minn -€283K għal -€23K differenza ta' €260K li huma elenkati kif ġejjin:

€75K dovuti lir-Reġjun Tramuntana li se jitħallsu iktar il-quddiem allura tneħħew mill-baġit approvat f'Marzu

Sar tnaqqis mill-ispejjeż kuntrattwali;

| | | | |
|---|---|---|---|
| | **Q2 Gov Allocation** | | **196,000** |
| | **projected income from permits** | | **16,000** |
| pril | | | |
| | Salaries | - | 24,000 |
| | Suppliers - Contractual payments billed monthly | - | 21,653 |
| | non-contractual suppliers | - | 11,000 |
| | **Cash balance** | | **155,347** |
| May | | | |
| | Salaries | - | 24,000 |
| | Suppliers - Contractual payments | - | 21,653 |
| | Other suppliers | - | 11,000 |
| | **Cash balance** | | **98,694** |
| une | | | |
| | Salaries | - | 24,000 |
| | Suppliers - Contractual payments | - | 21,653 |
| | Other suppliers | - | 11,000 |
| | **Cash balance** | | **42,040** |

| *year 2025:-* | | |
|---|---|---|
| contractual costs-billed monthly | - | 391,838.16 |
| contractual costs - billed quarterly/semi- | - | 26,299.80 |
| Cultural/Community costs | - | 16,400.00 |
| | - | **434,537.96** |

| **Payroll** | | | **Salaries for full year 2025 (exc performanc** | |
|---|---|---|---|---|
| Salaries | 18,000.00 | | | |
| CFR payment | 6,000.00 | | | |
| | **24,000.00** | | **288,000.00** | |
| **Contractual suppliers - billed monthly** | | | | **Full year 2025** |
| Michelle Mifsud - library | 797.04 | | | |
| Melchiore Dimech - bulky refuse | 1,770.00 | | | |
| Sythesis Management Services Ltd - contract management | 329.22 | | | |
| Yama Yami - community van driver | 1,164.66 | | 13,975.92 | |
| JF Mallia Ltd - street lighting | 639.56 | | | |
| Veladrians Cleaning Services Limited - street sweeping | 13,723.00 | | | |
| Image Systems Ltd - photocopier | 199.70 | | | |
| Blooming Garden Ltd - gardens cleaning & maintenance | 2,242.00 | | | |
| ARMS | 400.00 | | | |
| Go/Epic | 388.00 | | | |
| | **21,653.18** | | | |
| **Contracted suppliers - billed quarterly/semi-annually** | | | | |
| Charlie Mifsud - cleaning non urban areas | 2,065 | *every 5 months* | | 4,130 |
| Joseph Farrugia - cleaning of public | 5,799 | *every 6 months* | | 11,598 |
| Attard Football club - rent of new LC premises | 3,000 | *every 6 months* | | 6,000 |
| Borg Galea - accountant | 1,143 | every 3 months | | 4,572 |
| | | | | **26,300** |

Sar tnaqqis mill-ispejjeż mhux kuntrattwali;

| **Sept** | | **Oct** | | **Nov** | | **Dec** | | **Jan** | | **Feb** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Silvio ironmongery | 477.31 | St Mary Hardw are | 125.74 | Silvio ironmonger | 321.20 | Silvio ironmor | 272.64 | | | Silvio ironmo | 339.33 |
| Cassia | 570.20 | Cassia | 756.46 | | | Cassia | 770.26 | Cassia | 398.16 | Cassia | 675.42 |
| | | | | St Mary Hardw are | 171.76 | St Mary Hard | 160.32 | | | | |
| B Grima | 4,103.21 | | | B Grima | 1,628.99 | B Grima | 1,558.25 | B Grima | 1,097.40 | B Grima | 7,052.81 |
| | | K9 | 108.15 | K9 | 24.27 | | | K9 | 25.75 | K9 | 53.97 |
| | | | | Zahra | 404.49 | | | | | | |
| | | | | R grech | 638.00 | | | R Grech | 156.00 | | |
| | | | | BCF | 112.00 | | | | | | |
| Atoz | 55.15 | A to Z | 517.03 | | | A to Z | 394.47 | Atoz | 85.90 | | |
| Image systems | 547.02 | Image systems | 338.79 | | | Image system | 436.68 | Image sy | 199.70 | Image system | 27.39 |
| | | Globe | 459.73 | Globe | 100.00 | Globe | 595.34 | Globe | 230.75 | Globe | 215.45 |
| | | Smart office | 108.56 | | | Smart office | 151.16 | | | Smart office | 177.79 |
| Antes | 224.03 | | | Antes | 124.26 | | | | | Antes | 559.25 |
| | | Paramount | 1,014.80 | Paramount | 554.60 | | | Paramou | 613.60 | Paramount | 1,392.40 |
| | | La Dolce | 741.08 | Dolce | 307.50 | | | La dolce | 1,140.29 | La Dolce | 237.35 |
| | | | | Miller | 190.32 | | | Miller | 35.24 | | |
| | | | | Bonnici | 252.00 | Bonnici | 441.00 | | | | |
| Charlie Gauci | 6,277.00 | Charlier Gauci | 8,207.00 | Charlie Gauci | 4,910.50 | Charlie Gauc | 4,784.00 | Charlie G | 5,032.00 | Charlie Gauc | 4,655.50 |
| Oliver Schembri | 1,950.00 | Oliver Schembri | 1,400.00 | Oliver Schembri | 472.50 | | | | | Oliver Schem | 1,125.00 |
| Andre Agius | 1,760.00 | Andrea Agius | 1,200.00 | Andre Agius | 580.00 | Andre Agius | 780.00 | Andre Ag | 818.00 | Andre Agius | 1,162.50 |
| Bitmac | 80.24 | | | Bitmac | 80.24 | Bitmac | 80.24 | | | Bitmac | 280.84 |
| Datatrak | 24.02 | Datatrak | 123.05 | Datatrak | 33.03 | Datatrak | 45.04 | Datatrak | 12.02 | | |
| Island services | 13.20 | Island services | 13.20 | Island | 13.20 | Island | 13.20 | Island ser | 13.20 | Island service | 28.20 |
| John Cam | 100.00 | John cam | 125.00 | John Camillier | 100.00 | | | John Car | 125.00 | | |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Pitstop | 200.00 | Pitstop | 200.00 | Pitstop | 200.00 | Pitstop | 200.00 | Pitstop | 200.00 | Pitstop | 200.00 |
| | **16,381.38** | | **15,513.59** | | **11,218.86** | | **10,682.60** | | **10,183.01** | | **18,383.20** |
| **Main areas of expenditure:** | | | | | | | | | | | |
| **Road maintenance** | 5,150.72 | | 990.35 | | 3,300.71 | | 2,761.47 | | 1,677.31 | | 8,121.53 |
| **Stationery** | 602.17 | | 1,424.11 | | 100.00 | | 1,577.65 | | 516.35 | | 420.63 |
| **Transport** | - | | 1,014.80 | | 554.60 | | - | | 613.60 | | 1,392.40 |
| **Cleaning** | 9,987.00 | | 10,807.00 | | 5,963.00 | | 5,564.00 | | 5,850.00 | | 6,943.00 |
| | **15,739.89** | | **14,236.26** | | **9,918.31** | | **9,903.12** | | **8,657.26** | | **16,877.56** |
| **Other areas** | **641.49** | | **1,277.33** | | **1,300.55** | | **779.48** | | **1,525.75** | | **1,505.64** |
| | **16,381.38** | | **15,513.59** | | **11,218.86** | | **10,682.60** | | **10,183.01** | | **18,383.20** |
| **Utilities** | | | | | | | | | | | |
| Go | 284.97 | Go | 285.98 | Go | 605.20 | Go | 306.26 | Go | **295.46** | Go | 116.59 |
| Epic | 124.36 | Epic | 61.45 | Epic | 62.08 | Epic | 62.08 | Epic | **62.08** | Epic | 62.08 |
| | **409.33** | | **347.43** | | **667.28** | | **368.34** | | **357.54** | | **178.67** |
| ARMS | 219.13 | ARMS | 988.59 | ARMS | 252.11 | | | | | ARMS | 273.61 |

Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet diversi tnaqqis fosthom dak tal-anzjani fejn huma ingħataw l-għażla jekk jixtiequx l-ikel jew it-trasport. Dr.Musumeci qal li huma jħallsu lill-paroċċa meta joħorġu u hekk qisu qed ikun *double funding.* Is-Sur Cordina qal li hu firmatarju u li qed jaċċetta dan kollu minħabba li s-sitwazzjoni finanzjarja hi kif inhi, għax jinsab ferm urtat li hu ma kienx notifikat. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan l-issue issemma diversi drabi *offhand* fl-aħħar tliet xhur u ma nqatgħux is-servizzi kompletament, għax eż jekk marru San Martin intalbu jagħzlu jekk hux ikel jew trasport u l-Parroċċa għażlet l-ikel. Jekk sejrin Għawdex intalbu jagħżlu jekk hux trasport ta' Malta jew Għawdex. Hu tenna li jekk jibqa' Sindku l-affarijiet iridu jerġgħu jiġu kif kienu qabel.

Hu qal li l-grupp Sant'Anna kien ġie magħżul bħalha kollaborazzjoni mal-Parroċċa minn diversi li kien hemm. Dr. Musumeci qal li basta ma jkunx hemm *double funding* u li jekk hemm tant fondi b'dak li hemm tista' taħdem. Dr. Caruana qalet li mhux bilfors iridu jaqblu minn fejn jitnaqqsu u fl-opinjoni tagħha l-anzjani għandhom ikunu l-aħħar li jitnaqqsulhom il-fondi għax huma taw kontribut lis-soċjetà qabel.

Is-Sur Bartolo qal li jekk jista' jkun dawn l-affarijiet jiġu diskussi qabel. Dr. Cassar u s-Segretarju Eżekuttiv qalu li dan kien ġa ġie diskuss fil-baġit rivedut ta' Marzu 2025. Is-Segretarju Eżekuttiv infatti qalet li ħadd ma jista' jgħid li dan ma ssemmiex jew li ma ġiex diskuss qabel għax hi kienet għamlet enfasi li hemm bżonn jitnaqqas it-trasport.

Is-Sur Cordina qal li vera ntqal li se jitnaqqas ir-trasport imma kien issemma t-trasport tal-Ladies Cultural Club u tal-iscouts però qatt ma kien hemm qbil li jitnaqqas minn tal-anzjani. Is-Segretarju Eżekuttiv irribattiet li dan qed ikollhom fondi ulterjuri u semmiet kif l-Attard Ladies Cultural Club talbu lill-Kunsill jekk hux ħa jipprovdi trasport u li jekk le il-klabb jitlob għajnuna lill-*Active Aging.* Hi qalet li dan juri biċ-ċar li sponsors oħra isibu u jkollhom. Kompliet tgħid li €150 fix-xahar jgħallmu u li dan mhux ċens perpetwu. Is-Sur Cordina qal li iva diment li s-sitwazzjoni finanzjarja tibqa' hekk jaqbel 100% imma li sabet sponsorship u allura ma tingħatax iktar għajnuna ma jaqbilx, għax allura missha qatt ma ingħata tali trasport. Qal li qed ikun ċar jaqbel mal-fatt li hemm diffikultajiet finanzjarji u li għandha raġun, imma ried jagħmilha ċara li ma jixtieq ipaċpaċ żejjed u li d-deċizjonijiet joħduhom huma u jridu jimxu fuqhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet li ċertu spejjeż barra l-kuntratt inqatgħu u infatti saħansitra nħarġet tender għat-tindif ta' *culverts.* Ċertu kuntratti oħra wkoll tnaqqsu l-ispejjeż tagħhom billi sar permess mal-ERA biex jinġabru permezz tal-vann tal-Kunsill stess li flimkien iwasslu għall-tnaqqis ta' €90K.

Mill-iskemi u maħsub li jidħlu mat-€80K li huma maqsuma hekk €20k skema tal-kultura 2024, €15k skema kultura u karnival, € 11K rifużjoni tas-salarji taħt il-*collective agreement u* €27K taħt l-iskema tar-Reġjun.

Dr. Cassar qal li jekk fil-baġit hemm pjanat *surplus* ta' kważi €12K dak iffisser li l-Kunsill se jkun irkupra kważi €175K fuq it-telf tas-sena ta' qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet iva.

Is-Sur Cordina rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv tal-ispjega.

Il-baġit rivedut ġie approvat u ffirmat.

14.5.3 *Approvazzjoni ta' Rapport tal-Kwart tas-Sena Jan-Marzu 2025*

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li f'dan il-kwart tas-sena sar qliegħ ta' €1807 fejn fl-ewwel kwart tas-sena wieħed jinnota tnaqqis ta' €21K kumparat mas-sena ta' qabel fejn jidħlu kuntratti ta' tindif tat-toroq u ġonna. Dan kien dovut minħabba li ħafna mix-xogħol qed isir mill-ħaddiema tal-Kunsill mingħajr ħlas extra fuq il-kuntratti.

L-FSI għall-kuntrarju għola kemmxejn kumparat mal-istess żmien is-sena ta' qabel minħabba l-bilanċi fil-kontijiet bankarji dovuti għall-iktar spejjeż f'dan l-ewwel kwart.

Dan ir-rapport ġie approvat u ffirmat.

## 14.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

14.6.1 *Diskussjoni Studju dwar il-Kapaċità ta' Tolleranza tal-Iżvilupp – carrying capacity*

Is-Sur Cordina qara l-mozzjoni annessa ma' dawn il-Minuti.

Dr. Musumeci qal li dan hu studju demografiku favur l-ambjent ta' kapaċità fejn wieħed jara li jekk se jkun se jsir ground jara l-aspetti kollha inkuż parkeġġi, *zoning etc.*

Dr. Cassar qal li bi ħsiebu jivvota favur il-mozzjoni minħabba l-mozzjoni in se u li dan l-istudju għandu jkun finanzjat mill-Gvern Ċentrali. Qal li Kunsilli Lokali ma jifilħux għal dan l-istudju. Qal li ħa jivvota favur ukoll minħabba li fl-2008 hu stess kien ippreżenta mozzjoni, li kienet issekondata mis-Sur John Bonnici rigward il-pjan lokali fejn kienu ħarġu reviżjonijiet fuq l-għoli tal-bini u dan kien sploda l-fuq b'diversi permessi li nħarġu li rriżultaw f'diversi ħsarat fit-toroq.

Dr. Caruana saqsiet jekk jeżistux fondi għal dawn l-istudji. Is-Segeretarju Eżekuttiv qalet li jeżistu fondi ewropej imma dan l-istudju partikulari qal is-Sur Cordina qed jintalab li jsir mill-Gvern Centrali mal-kunsilli lokali kollha.

Dr. Caruana saqsiet x'saħħa ħa jkollu dan l-istudju. Is-Sur Cordina qal li forsi ma jitwaqqafx proġett imma jkun hemm konsultazzjoni.

Dr. Caruana saqsiet jekk sarux ġo kunsilli oħra. Is-Sur Cordina qal li ma jafx imma l-mozzjoni hi ċara, jekk eżempju hemm sistema ta' drenaġġ jekk il-bini jiżdied is-sistema se tlaħħaq. Dan hu dak li hu ntiż fuqu dan l-istudju.

Dr. Cassar qal li biex ikun konsistenti se jivvota favur. Hu qal li dan hu mod kif tagħmel pressjoni u jrid ikollok studji biex ikollok argumenti b'saħħithom.

14.6.2 **Riżoluzzjoni 6**

Permezz ta' din ir-riżoluzzjoni il-Kunsill Lokali Ħ'Attard qed japprova li japplika għal fondi sabiex tiġi organizzata attività tal-Karnival permezz tal-iskema SPI/SCI/05/2025 Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2026.

Din l-iskema ser tkopri sa massimu ta' €5,000. Il-Kunsill Lokali ser ikun qed iħallas id-differenza tal-ispiża. L-Ammont globali mhux ser jaqbeż is-€6000.

Proponent Stefan Cordina Sekondant Helen Caruana

14.6.3 ***Riżoluzzjoni 7***

Permezz ta' din ir-riżoluzzjoni il-Kunsill Lokali Ħ'Attard qed japprova li japplika għal fondi sabiex jiġu finanzjati diversi affarijiet li saru ġewwa l-ufficċini l-ġodda bħal *fire doors, grills, AC's, CCTV's* kif ukoll cameras tas-sala permezz tal-iskema SPI/SCI/07/2025 Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Komunitajiet iktar b'saħħithom u ta' kwalità.

Għal din l-iskema hemm fond ta' €2,000,000. Għaldaqstant il-Kunsill se jkun qed jitlob is-somma tal-affarijiet imsemmijin hawnhekk.

Proponenet Stefan Cordina Sekondant Paul Ciantar

14.6.4 ***Skema Finanzjarja Reġjun Tramuntana €27,000***

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fil-baġit semmietilhom l-ammont ta' €27,000 maħsuba li jintalbu lir-Reġjun taħt skema li kienet tkopri biss irranġar ta' ġonna, tabeli imma s-Sindku talab li tiġi adattata għall-bżonnijiet preżenti tal-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xorta it-talba tagħhom kienet taqa' taħt waħda mill-linji gwida.

Taħt l-iskema se tintalab rifużjoni tal-għamara tas-sala €5728, €5787.90 għall-kumplament tal-għamara tal-uffiċċini ta' ġewwa, €5451 l-għamara tar-reception u biċċiet l'hemm u l'hawn flimkien mal-bibien u kċina.

Kulħadd qabel.

14.6.5 *Skema Transport Malta*

Dr. Cassar qal li din hi skema li se tagħlaq fil-25 ta' Diċembru intiża sabiex isir iktar użu mir-roti u biex isiru *bike racks, bike repair stations etc.*. Qal li l-għotja għall-kunsilli lokali hi ta' bejn 80-100%. Kulħadd qabel.

14.6.6 *FierAmbjent 2025*

*Reduction of Electronic Waste.*

Dr. Cassar qal li qed jaħdem mal-istaff Yanica u Karen sabiex tittella' din l-attività b'zero baġit fi Ġnien l-Istazzjon. Qal li s-suġġett hu ftit diffiċli imma xorta qed jaħdmu fuqu b'differenza waqt il-EWRW. Hu issuġġerixxa li din id-darba jsir is-Sibt, 22 ta' Novembru 2025. Dr. Musumeci qal li ġie avviċinat minn Dr. Susan Piscopo fuq attività ta' Fonzu l-Fenek u jingħaqdu f'daqqa. Dr. Piscopo se taħdem fuq baġit biex forsi jinġabu xi fondi.

Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni biex ikunu parteċipi u jsiru attivitajiet konġunti.

## 14.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

14.7.1 Dr. Caruana saqiet jekk Joseph Tabone hux bit-tender. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawk huma l-pagamenti mensili ta' Ġnien l-Istazzjon. Saqsiet ukoll fuq it-trasport u hawnhekk is-Segretarju qalet li kif jidher ma inqatax kompletament, fuq Yama Yami li hu t-tender tal-vann tal-anzjani u l-isteel beam li sar fl-għassa biex ikunu jistgħu jintużaw l-uffiċċini l-qodma wara li jiġu rranġati taħt skema oħra.

Is-Sindku saqsa min jipproponi u min se jissekonda.

Proponent: Sur Alex Mangion Sekondant: Sinjorina Nicole Portelli

L-iskedi ġew approvati.

## 14.8 Mozzjonijiet; u

14.8.1 *Mozzjoni Nru. 1/2025 Studju dwar il-Kapaċità ta' Tolleranza tal-Iżvilupp – carrying capacity*

Favur 7 Kontra 2

Mozzjoni għaddiet.

## 14.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

14.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.54pm u ġiet aġġornata għat-30 ta' Lulju 2025 fis-5.30pm

Konfermati illum, 30 ta' Lulju 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |